# FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 27 ta` Settembru, 2017.**

**Talba Nru: 600/2016PA**

**Joseph Cremona f'ismu proprju u in rappreżentanza tad-ditta JC Contractors**
**vs**

**Luigi Mertoli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-27 ta` Diċembru 2017 li permezz tiegħu l-attur premetta li eżegwixxa diversi xoghlijiet ta` kostruzzjoni u ta` elettriku, liema xogħlijiet huma aħjar deskritt fil-fattura annessa u markata 'Dok.A'; u li dawn ix-xogħlijiet saru skont is-sengħa u l-arti u skont kif ordnati mill-istess intimat u suppliti lilu. Għaldaqstant, l-attur *proprio et nomine* talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` elf, tlett mija u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,380.60ċ), liema dejn huwa ċert, likwidu u dvut, bl-ispejjeż ta` dawn il-proċeduri, oltre l-imgħax legali mid-data tal-fattura annessa u bl-ispejjeż tal-ittra mibgħuta ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta` Malta u b'numru 2353/16 u bl-ispejjeż ukoll tal-mandati kawtelatorji fl-istess ismijiet.

Ra d-dokument anness mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja ta` fattura maħruġa lill-konvenut u ċertu Andrea Laspina u datata 25 ta` Settembru 2016 għall-ammont sħiħ ta` €1,380.60ċ, li tindika li l-ħlas kien dovut mal-konsenja (Dok.'A', fol.3).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ikkunsidra li mill-kopja tal-fattura eżibita mal-Avviż tat-Talba, u fin-nuqqas ta` prova kuntrarja, il-kreditu pretiż mill-attur jirriżulta dovut, bl-imgħax mid-data tal-fattura.

Ikkunsidra wkoll li, ghalkemm l-attur *proprio et nomine* naqas li jippreżenta l-atti ġudizzjarji li għamel kontra l-konvenut, u li tagħhom talab l-ispejjeż, l-istess atti ġew verifikati mit-Tribunal fir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *proprio et nomine* s-somma mitluba ta` elf, tlett mija u tmenin Ewro u sittin ċenteżmu (€1,380.60ċ) bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**